MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 163/2008

**Go p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Dram Company Limited (C29773)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata rapprezentanti l-hlas tas-somma ta' hamest elef hames mija tmienja u tletin Ewro u erba' centezmi (€5538.04), ekwivalenti ghal valuta antika ta' elfejn tlett mija sebgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM2377.48) rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numru 21462165 u 21462166 (AC40008173) u 21895760, 21895762 u 21895764 (AC40050421);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-4 ta' Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-istess socjeta` rikorrenti is-somma ta' hamest elef hames mija tmienja u tletin Ewro u erba' centezmi (€5538.04);**

**Bl-ispejjez kollha ndikati fir-rikors u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------